MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 673/2009

**Xalat Limited (C-18366)**
**vs**

**Crown Hotels Limited (C22101)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elfejn erba' mija u sitta u tlettin ewro u tmienja u tlettin ewro centezmu (€2436.38) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn tlett mija u tlettax ewro u tlieta u hamsin ewro centezmu (€2313.53) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata lis-socjeta' konvenuta li baqghet ma thallsitx u in kwantu ghas-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u tmenin ewro centezmu (€122.85) rapprezentanti prezz ta' kaxxi mibjugha u kkunsinjati lis-socjeta' konvenuta li baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat konteswalment ma dan l-att.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr Joseph Zammit fit-2 ta’ Novembru, 2009 u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------